

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1988

dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin

(89/48/KEE)

(ĠU L 19 , 24.1.1989, p. 16)

Emendata minn:

	Ġurnal Uffiċjali		
	Nru	Pàġna	Data
► M1 Id-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Mejju 2001	L 206	1	31.7.2001



ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1988

dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin

(89/48/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 49, 57(1) u 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi, skond l-Artikolu 3(ċ) tat-Trattat l-abolizzjoni, bejn l-Istati Membri, ta' ostakoli għal-libertà ta' moviment għal persuni u servizzi tikkostitwixxi waħda mill-objettivi tal-Komunità; billi, għal ċittadini ta' l-Istati Membri, dan ifisser b'mod partikolari l-possibiltà li wieħed iwettaq professjoni, kemm jekk bħala persuna li taħdem għal rasha kemm jekk bħala impjegat, fi Stat Membru ta' xort' oħra minn dak li fih akkwistaw il-kwalifiki professjonali tagħhom;

Billi d-dispożizzjonijiet adottati sa issa mill-Kunsill, u li skondhom l-Istati Membri jirrikonoxxu reċiprokament u għal skopijiet professjonali diplomi ta' edukazzjoni ogħla maħruġa fit-territorju tagħhom, jirrigwardaw biss f'it professjonijiet; billi l-livell u d-dewmien ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ li jirregolaw l-aċċess għal dawk il-professjonijiet ġew regolati b' mod simili fl-Istati Membri kollha jew kienu is-suġġett ta' l-armonizzazzjoni minima meħtieġa sabiex jiġu stabbiliti sistemi settorjali għar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi;

Billi, sabiex tiġi pprovduta risposta malajr għal dak li jistennew iċ-ċittadini ta' pajjiżi Komunitarji li għandhom diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali maħruġa fi Stat Membru ta' xort' oħra minn dik li fih huma jixtiequ jwettqu l-professjoni tagħhom, metodu ieħor ta' rikonoxximent ta' dawn id-diplomi għandu wkoll jitwaqqaf sabiex ikun possibbli għal dawk kollha kkonċernati biex iwettqu dawk l-attivitajiet professjonali kollha li fi Stat Membru ospitanti huma dipendenti fuq il-kompletar ta' edukazzjoni u taħriġ post-sekondarju, sakemm dawn għandhom dik id-diploma li ttippreparahom għal dawk l-attivitajiet mogħtija mal-kompletar ta' kors ta' studji li jdum mill-inqas tliet snin u maħruġ fi Stat Membru ieħor;

Billi dan l-objettiv jista' jintlaħaq bl-introduzzjoni ta' sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-anqas tliet snin;

Billi, għal dawk il-professjonijiet li għat-twettiq tagħhom il-Komunità ma stabbilitx il-livell minimu neċessarju ta' kwalifiki, l-Istati Membri jirriservaw l-għażla li jstabbilixxu dan il-livell bl-iskop li jiggarrantixxu l-kwalità tas-servizzi pprovduti fit-territorju tagħhom; billi, madanakollu, dawn ma jistgħux, mingħajr ma jiksru l-obbligi tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat, jeħtieġu li ċittadin ta' Stat Membru jakkwista dawk il-kwalifiki li ġeneralment huma jiddeterminaw biss b'referenza għal diplomi maħruġa taħt is-sistemi proprji ta' edukazzjoni nazzjonali, meta il-persuna kkonċernata tkun diġà akkwistat parti minn jew il-kwalifiki kollha fi Stat Membru ieħor; billi, bħala riżultat, kull Stat Membru ospitanti li fih tkun regolata professjoni hu meħtieġ jieħu kont tal-kwalifiki akkwistati fi Stat Membru ieħor u li jiddetermina jekk dawk il-kwalifiki jikkorrispondux għall-kwalifiki li jeħtieġ l-Istat Membru kkonċernat;

⁽¹⁾ ĠU C 217, tat-28.8.1985, p. 3, u ĠU C 143, ta' l-10.6.1986, p. 7.

⁽²⁾ ĠU C 345, tal-31.12.1985, p. 80, u ĠU C 309, tal-5.12.1988.

⁽³⁾ ĠU C 75, tat-3.4.1986, p. 5.

▼B

Billi l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri hija xierqa sabiex tiġi faċilitata l-konformità tagħhom ma' dawk l-obbligi; billi, għalhekk, il-mezzi ta' l-organizzazzjoni ta' din il-kollaborazzjoni għandhom jiġu stabbiliti;

Billi il-kliem "attività professjonali regolata" għandhom jiġu definiti sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet soċjoloġiċi nazzjonali li jvarjaw; billi l-kliem m' għandhomx ikopru biss attivitajiet professjonali li l-aċċess għalihom huwa soġġett, fi Stat Membru, għall-pussess ta' diploma, iżda ukoll attivitajiet professjonali, li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett meta dawn jiġu prattikati taħt titolu professjonali riservat għat-titolari ta' ċerti kwalifiki; billi l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet professjonali li jagħtu dawn it-titoli lill-membri tagħhom u li huma rikonoxxuti mill-awtoritajiet pubbliċi ma jistgħux jinwokaw il-pożizzjoni privata tagħhom sabiex jevitaw applikazzjoni tas-sistema prevista b'din id-Direttiva;

Billi huwa wkoll neċessarju li jiġu determinati l-karatteristiċi ta' l-esperjenza professjonali jew il-perjodu ta' adattament li l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ mill-persuna kkonċernata f'addizzjoni għad-diploma ta' edukazzjoni ogħla, meta l-kwalifiki tal-persuna ma jikkorrispondux għal dawk stabbiliti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali;

Billi *aptitude test* jista' wkoll jiġi introdott minflok il-perjodu ta' adattament; billi l-effett tat-tejn ikun li titjeb is-sitwazzjoni eżistenti fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi bejn l-Istati Membri u għalhekk li jiġi ffaċilitat il-moviment ħieles tal-persuni fil-Komunità; billi l-funzjoni tagħhom hija li jistmaw l-abilità tal-migrant, li huwa persuna li diġà rċeviet it-taħriġ professjonali tagħha fi Stat Membru ieħor, biex jaddatta għal dan l-ambjent professjonali ġdid; billi, min-naħa tal-migrant, *aptitude test* ikollu l-vantaġġ li jnaqqas it-tul tal-perjodu ta' prattika; billi, fil-prinċipju, l-għażla bejn il-perjodu ta' addattament u *aptitude test* għandha ssir mill-migrant; billi, madanakollu, n-natura ta' ċerti professjonijiet hija tali li l-Istati Membri għandhom jingħataw il-permess li jippreskrivu, taħt ċerti kondizzjonijiet, jew il-perjodu ta' addattament jew it-*test*; billi, b'mod partikolari, id-differenzi bejn is-sistemi legali ta' l-Istati Membri, filwaqt li jistgħu ivarjaw fil-kobor minn Stat Membru għal ieħor, jisthoqqlhom dispożizzjonijiet speċjali ladarba, bħala regola, l-edukazzjoni jew it-taħriġ li jivverifikaw id-diploma, iċ-ċertifikat jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali fil-qasam tal-liġi fl-Istat Membru ta' l-oriġini ma jkoprux it-tagħrif legali meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-qasam legali korrispondenti;

Billi, barraminnekk, is-sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla la hi maħsuba biex temenda r-regoli, inklużi dawk li jirrigwardaw l-etika professjonali applikabbli għal kull persuna li twettaq professjoni fit-territorju ta' Stat Membru u lanqas biex teskludi l-migranti mill-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli; billi dik is-sistema hija ristretta biex tistabilixxi arranġamenti approprijati sabiex jiġi assigurat illi l-migranti jikkonformaw mar-regoli professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti;

Billi l-Artikoli 49, 57(1) u 66 tat-Trattat jagħtu s-setgħa lill-Komunità li tadotta dispożizzjonijiet neċessarji għall-introduzzjoni u l-operazzjoni ta' din is-sistema;

Billi s-sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla hija kompletament mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48(4) u l-Artikolu 55 tat-Trattat;

Billi din is-sistema, bit-tisħiħ tad-dritt ta' ċittadin Komunitarju li juża l-kapaċitajiet professjonali tiegħu f' kull Stat Membru, iżżid u ssaħħa id-dritt tiegħu li jakkwista dawn il-kapaċitajiet kull meta jixtieq;

Billi din is-sistema għandha tiġi evalwata, wara li tkun fis-seħħ għal ċertu żmien, sabiex jiġi determinat kemm topera b'effiċjenza u b'mod partikolari kif din tista' tittejjeb jew il-qasam ta' l-applikazzjoni tagħha estiża,

▼B

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) diploma: kull diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali jew kull sett ta' dawn id-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn:
- li nġhatat minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, maħtur skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi proprji;

▼M1

- li juri li l-possessur temm b'suċċess kors post-sekondarju ta' tul ta' mill-anqas tliet snin, jew ta' tul ekwivalenti *part-time*, f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni għolja jew stabbiliment ieħor ta' livell ekwivalenti, fejn xieraq, li hu temm b'suċċess it-taħriġ professjonali barra l-kors post-sekondarju, u

▼B

- li turi li t-titolari jkollu l-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata f' dak l-Istat Membru,

sakemm l-edukazzjoni u t-taħriġ ivverifikati mid-diploma, iċ-ċertifikat jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali jkunu ġew irċevuti prinċipalment fil-Komunità, jew it-titolari tagħhom ikollu tliet snin esperjenza professjonali iċċertifikata mill-Istat Membru li rrikonoxxa diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali ta' pajjiż terz.

Dan li ġej għandu jiġi trattat bl-istess mod bħal diploma, fis-sens ta' l-ewwel subparagrafu: kull diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali jew kull sett ta' diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn bħal dawn mogħtija minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk din tkun inġhatat mal-kompletar b' suċċess ta' edukazzjoni u taħriġ irċevut fil-Komunità u rikonoxxut minn awtorità kompetenti f' dak l-Istat Membru bħala ta' livell ekwivalenti u jekk dan jagħti l-istess drittijiet fir-rigward tal-bidu u t-twettiq ta' professjoni regolata f'dak l-Istat Membru;

- (b) Stat Membru ospitanti: Kull Stat Membru li fih ċittadin ta' Stat Membru japplika sabiex iwettaq professjoni soġġetta għar-regolament f' dak l-Istat Membru, ta' xort'oħra mill-Istat li fih huwa akkwista d-diploma tiegħu jew beda għall-ewwel darba l-professjoni inkwistjoni;
- (c) professjoni regolata: l-attività professjonali regolata jew sensiela ta' attivitajiet li jikkostitwixxu din il-professjoni fi Stat Membru;
- (d) attività professjonali regolata: attività professjonali, sa fejn il-bidu jew it-twettiq ta' din l-attività jew waħda mill-modi tat-twettiq tagħha fi Stat Membru hija soġġetta, direttament jew indirettament permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, għall-pussess ta' diploma. Dan li ġej, b'mod partikolari għandu jikkostitwixxi mod tat-twettiq ta' attività professjonali regolata:
- it-twettiq ta' attività taħt titolu professjonali, sa fejn l-użu ta' dan it-titolu huwa riservat għat-titolari ta' diploma rregolata b' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi,
 - it-twettiq ta' attività professjonali li tirrigwarda s-saħħa, sa fejn ir-remunerazzjoni u/jew ir-rimbors għal din l-attività jkunu soġġetti minħabba l-arranġamenti nazzjonali tas-sigurtà soċjali għall-pussess ta' diploma.

Meta l-ewwel subparagrafu ma japplikax, attività professjonali għandha titqies bħala attività professjonali regolata jekk din tkun imwettqa mill-membri ta' assoċjazzjoni jew organizzazzjoni li l-iskop tagħhom huwa, b'mod partikolari, li jippromwovu u jżommu *standard* għoli fil-qasam professjonali kkonċernat u li, biex jint-laħaq dak l-iskop, huma rikonoxxuti f' forma speċjali minn Stat Membru u:

▼B

- jagħtu diploma lill-membri tagħhom,
- assiguraw li l-membri tagħhom jirrispettaw ir-regoli ta' kondotta professjonali li jippreskrivu, u
- jagħtuhom id-dritt li jużaw titolu jew ittri ta' deskrizzjoni, jew li jibbenefikaw minn *status* li jikkorrispondi ma' dik id-diploma.

Lista mhux definittiva ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet li, meta din id-Direttiva tiġi adottata, jissodisfaw il-kondizzjonijiet tat-tieni subparagrafu li jinsab fl-Anness. Kull meta Stat Membru jagħti r-rikonoxximent imsemmi fit-tieni subparagrafu lil assoċjazzjoni jew organizzazzjoni, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni b' dan, u din tippubblika din l-informazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

▼M1

- (da) a edukazzjoni u taħriġ regolat: kull edukazzjoni u taħriġ li:
- huwa immirat direttament għall-prattika ta' professjoni definita, u
 - jinkludi kors post-sekondarju li jdum ta' l-anqas tliet snin, jew ta' tul ekwivalenti *part-time*, f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni għolja jew fi stabbiliment ta' livell ekwivalenti u, fejn jixraq, it-taħriġ professjonali, *t-traineeship* professjonali jew il-prattika professjonali meħtieġa barra l-kors post-sekondarju; l-istruttura u l-livell tat-taħriġ professjonali, *t-traineeship* professjonali jew il-prattika professjonali għandhom ikunu ddeterminati mil-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istat Membru kkonċernat jew immonitorjati jew approvati minn awtorità nnominata għal dak il-għan;

▼B

- (e) esperjenza professjonali: it-tweġiq fil-fatt u skond il-liġi tal-professjoni kkonċernata fi Stat Membru;
- (f) perjodu ta' addattament: it-tweġiq ta' professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti taħt ir-responsabbiltà ta' membru kwalifikat ta' dik il-professjoni, u dan il-perjodu ta' Prattika sorveljata jkun possibilmment akkompanjat b'taħriġ ulterjuri. Dan il-perjodu ta' Prattika sorveljata għandu jkun is-suġġett ta' stima. Ir-regoli dettaljati li jirregolaw il-perjodu ta' addattament u l-istima tiegħu kif ukoll l-*istatus* tal-persuna migranti taħt sorveljanza għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti fl-Istati Membri ospitanti u;
- (g) *aptitude test*: test limitat għat-tagħrif professjonali ta' l-applikant, magħmul mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti bl-iskop li tiġi stmata l-abilità ta' l-applikant li jwettaq professjoni regolata f' dak l-Istat Membru.

Sabiex jiġi permess li dan it-test jitwettaq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu lista ta' suġġetti li, abbażi ta' paragun ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġa fl-Istat Membru u dak irċevut mill-applikant, mhumix koperti mid-diploma jew prova oħra ta' kwalifiki formali posseduti mill-applikant.

L-*aptitude test* għandu jieħu kont tal-fatt li l-applikant huwa professjonist kwalifikat fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru minn fejn ikun ġej. Għandu jkopri suġġetti li għandhom jintagħżlu minn dawk fuq il-lista, li t-tagħrif tagħhom huwa essenzjali sabiex ikun possibli li wieħed jeżerċita l-professjoni fl-Istat Membru ospitanti. It-test jista' wkoll jinkludi t-tagħrif tar-regoli professjonali applikabbli għall-attivitajiet inkwistjoni fl-Istat Membru ospitanti. L-applikazzjoni dettaljata ta' l-*aptitude test* għandha tiġi determinata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat b' konsiderazzjoni xierqa għar-regoli tal-liġi Komunitarja.

L-*istatus*, fl-Istat Membru ospitanti, ta' l-applikant li jixtieq jipprepara ruħu għall-*aptitude test* dak l-Istat għandu jiġi determinat mill-awtoritajiet kompetenti f' dak l-Istat.

▼B

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull ċittadin ta' Stat Membru li jixtieq iwettaq professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti bħala persuna li taħdem għal rasha jew bħala persuna impjegata.

Din id-Direttiva m' għandhiex tapplika għal professjonijiet li huma s-suġġett ta' Direttiva separata li tistabbilixxi arranġamenti għar-rikonossiment reċiproku ta' diplomi mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Meta, fi Stat Membru ospitanti, il-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata huwa soġġett għall-pussess ta' diploma, l-awtorità kompetenti ma tistax, fuq il-bażi ta' kwalifiki inadegwati, tirrifjuta li tawtorizza ċittadin ta' Stat Membru milli jibda jew iwettaq dik il-professjoni bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini proprji stess:

- (a) jekk l-applikant għandu d-diploma meħtieġa fi Stat Membru ieħor għall-bidu jew it-twettiq tal-professjoni inkwistjoni fit-territorju tiegħu, u din id-diploma tkun ingħatat fi Stat Membru; jew
- (b) jekk l-applikant ikun wettaq il-professjoni inkwistjoni *full-time* għal sentejn matul l-għaxar snin preċedenti fi Stat Membru ieħor li ma jirregolax dik il-professjoni, fis-sens ta' l-Artikolu 1(ċ) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(d), u għandu prova ta' kwalifika formali waħda jew aktar:
 - li ingħataw minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, nominata skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' dak l-Istat,
 - li juru li t-titolari ikun temm b' suċċess kors post sekondarju ta' mill-anqas tliet snin, jew ta' dewmien ekwivalenti *part-time*, f' università jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla jew stabbiliment ieħor ta' livell simili ta' Stat Membru u, meta approprijat, li huwa jkun temm b' suċċess it-taħriġ professjonali meħtieġ minbarra l-kors post-sekondarju u
 - li ppreparaw it-titolari għat-twettiq tal-professjoni tiegħu.

▼M1

Madankollu, jista' ma jkunx hemm bżonn tas-sentejn ta' esperjenza professjonali li hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu, meta l-kwalifika, jew il-kwalifiki ta' l-applikant u li hemm referenza għalihom f'dan il-punt jingħataw fit-tmiem ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ irregolat.

▼B

Dan li ġej għandu jiġi trattat bl-istess mod bħall-prova ta' kwalifiki formali msemmija fl-ewwel subparagrafu: kwalunkwe kwalifiki formali jew kull sett ta' dawn il-kwalifiki formali mogħtija minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk dawn jingħataw mal-kompletar b'suċċess ta' taħriġ riċevut fil-Komunità u huwa rikonossut minn dak l-Istat Membru bħala ta' livell ekwivalenti, sakemm l-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni jkunew notifikati b' dan ir-rikonossiment.

L-Artikolu 4

1. Minkejja l-Artikolu 3, l-Istat Membru ospitanti jista' wkoll jitlob lill-applikant:

- (a) jipprovi prova ta' esperjenza professjonali, meta d-dewmien ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ meħud bħala sostenn għal din l-applikazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 3 (a) u (b), huwa mill-anqas sena inqas minn dak meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti. F'dan il-każ, il-perjodu ta' esperjenza professjonali meħtieġ:
 - ma jistax jaqbeż id-doppju tan-nuqqas fid-dewmien ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ meta in-nuqqas jirrelata għal studji post-sekondarji u/jew għal perjodu ta' Prattika bi prova mwettqa taħt il-kontroll ta' persuna professjonali ta' sorveljanza u li jintemm b' eżami,

▼B

— ma jistax jaqbeż in-nuqqas meta in-nuqqas jirrelata għall-prattika professjonali akkwistata bl-assistenza ta' membru kwalifikat tal-professjoni.

Fil-każ ta' diplomi fis-sens ta' l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 1 (a), id-dewmien ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ rikonoxxut bħala ta' livell ekwivalenti għandu jiġi determinat bħal dak għall-edukazzjoni u t-taħriġ definiti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1 (a).

Meta jiġu applikati dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jittieħed kont ta' l-esperjenza professjonali msemmija fl-Artikolu 3 (b).

Fil-każijiet kollha, l-esperjenza professjonali meħtieġa ma tistax taqbeż l-erba' snin

(b) jikkompleta perjodu ta' addattament li ma jaqbiżx it-tliet snin jew jieħu *aptitude test*:

— meta l-kwistjonijiet koperti bl-edukazzjoni u t-taħriġ li huwa rċieva kif stabbilit fl-Artikolu 3(a) u (b), jvarjaw sostanzjalment minn dawk koperti mid-diploma meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti, jew

— meta, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(a), il-professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti tikkompreni attività professjonali waħda jew aktar li mhumiex fil-professjoni regolata fl-Istat Membru minn fejn joriġina jew ikun ġej l-applikant u dik id-differenza tikkorrispondi għall-edukazzjoni u t-taħriġ speċifiku meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti u tkopri materji li jvarjaw sostanzjalment minn dawk koperti mid-diploma murija mill-applikant, jew

— meta, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(b), il-professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti tikkompreni attività professjonali waħda jew aktar li mhumiex fil-professjoni mwettqa mill-applikant fl-Istat Membru minn fejn huwa joriġina jew ikun ġej u dik id-differenza tikkorrispondi għal edukazzjoni u taħriġ speċifiku meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti u tkopri materji li jvarjaw sostanzjalment minn dawk koperti minn prova ta' kwalifiki formali murija mill-applikant.

▼M1

Jekk l-Istat Membru ospitanti għandu l-intenzjoni li jitlob li l-applikant iwettaq perjodu ta' adattament jew jagħmel test għall-kapaċità, dan irid l-ewwel jeżamina jekk l-għarfien miksub mill-applikant matul l-esperjenza professjonali tiegħu hux tali li jkopri kompletament jew parzjalment id-differenza sostanzjali li hemm referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu.

▼B

Jekk l-Istat Membru ospitanti juża din il-possibiltà, dan għandu jagħti lill-applikant id-dritt li jagħżel bejn il-perjodu ta' addattament jew *aptitude test*. B'deroga minn dan il-prinċipju, għall-professjonijiet li l-prattika tagħhom titlob tagħrif preċiż tal-liġi nazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-provvista ta' pariri u/jew assistenza li tikkonċerna l-liġi nazzjonali hija aspett essenzjali u kostanti ta' l-attività professjonali, l-Istat Membru ospitanti jista' jistipula jew perjodu ta' addattament jew *aptitude test*. Meta l-Istat Membru ospitanti jkun beħsiebu jintroduċi derogi għal professjonijiet oħrajn fir-rigward tad-dritt ta' l-applikant li jagħżel, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 għandha tapplika.

2. Madanakollu, l-Istat Membru ospitanti ma jistax japplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) kumulattivament.

L-Artikolu 5

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 3 u 4, Stat Membru ospitanti jista' jippermetti lill-applikant, bl-iskop li jitjiebu l-possibiltajiet tiegħu li jaddatta għall-ambjent professjonali f' dak l-Istat, li jiżvolġi hemmhekk, abbażi ta' l-ekwivalenza, dik il-parti ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali tiegħu rappreżentat mill-prattika professjonali, akkwistata bl-assistenza ta' membru kwalifikat tal-professjoni, li huwa ma jkunx żvolgħa fl-Istat Membru tiegħu ta' l-orijini jew fl-Istat Membru minn fejn ikun ġej.

▼B

L-Artikolu 6

1. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti teħtieġ minn persuni li jixtiequ jibdedw professjoni regolata prova li huma ta' karattru jew ta' reputazzjoni tajba jew li huma ma ġewx dikjarati falluti, jew tissospendi jew tipprojbixxi t-twertiq ta' dik il-professjoni fil-każ ta' mġieba ħażina professjonali serja jew reat kriminali, dak l-Istat għandu jaççetta bħala prova suffiçjenti, fir-rigward ta' çittadini ta' Stati Membri li jixtiequ jwettqu dik il-professjoni fit-territorju tiegħu, il-produzzjoni ta' dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' l-orìġini jew l-Istat Membru minn fejn ikun ġej iç-çittadin barrani li juru li daww il-ħtiġijiet huma sodisfatti.

Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-orìġini jew l-Istat Membru minn fejn ikun ġej iç-çittadin barrani ma joħorġux id-dokumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, dawn id-dokumenti għandhom jiġu sostitwiti b'dikjarazzjoni fuq ġurament — jew, fi Stati fejn m'hemm l-ebda dispożizzjoni għal dikjarazzjoni fuq ġurament, minn dikjarazzjoni solenni — magħmula mill-persuna kkonċernata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew, meta approprijat, quddiem nutar jew korp professjonali kwalifikat ta' l-Istat Membru ta' l-orìġini jew l-Istat Membru minn fejn tkun ġejja l-persuna; din l-awtorità jew nutar għandhom joħorġu çertifikat li jipprova l-awtentiçità tad-dikjarazzjoni fuq ġurament jew dikjarazzjoni solenni.

2. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti teħtieġ minn çittadini ta' dak l-Istat Membru li jixtiequ jibdedw jew iwettqu professjoni regolata çertifikat ta' saħħa fiżika jew mentali, dik l-awtorità għandha taççetta bħala prova suffiçjenti f'dan ir-rigward il-preżentazzjoni tad-dokument meħtieġ fl-Istat Membru ta' l-orìġini jew fl-Istat Membru minn fejn ikun ġej iç-çittadin barrani.

Meta l-Istat Membru ta' l-orìġini jew l-Istat Membru minn fejn ikun ġej iç-çittadin barrani ma jimponi l-ebda ħtieġa ta' din in-natura fuq daww li jixtiequ jibdedw jew iwettqu l-professjoni inkwistjoni, l-Istat Membru ospitanti għandu jaççetta minn dawn iç-çittadini çertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti f' dak l-Istat li jikkorrispondi għaç-çertifikati maħruġa fl-Istat Membru ospitanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri ospitanti u jistgħu jeħtieġu li d-dokumenti u ç-çertifikati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu preżentati sa mhux aktar minn tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

4. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti teħtieġ çittadini ta' dak l-Istat Membru li jixtiequ jibdedw jew iwettqu professjoni regolata li jieħdu ġurament jew jaġhmlu dikjarazzjoni solenni u meta l-forma ta' dan il-ġurament jew dikjarazzjoni ma tkunx tista' tiġi użata minn çittadini ta' Stati Membri oħrajn, dik l-awtorità għandha tiżgura li forma approprijata u ekwivalenti ta' ġurament jew dikjarazzjoni tiġi offerta lill-persuna kkonċernata.

▼M1

5. Meta jkun hemm il-bżonn ta' prova ta' pożizzjoni finanzjarja sabiex tinbeda jew titkompla professjoni rregolata fl-Istat Membru ospitanti, dak l-Istat Membru għandu jikkonsidra ç-çertifikati maħruġa minn banek ta' l-Istat Membru ta' l-orìġini jew ta' l-Istat Membru minn fejn ikun ġej iç-çittadin barrani, bħala ekwivalenti għal daww maħruġa fit-territorju tiegħu.

6. Meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti jkollha bżonn li iç-çittadini ta' dak l-Istat, li jixtiequ jibdedw jew ikomplu professjoni rregolata, jipprovdu prova li huma assigurati kontra r-riskji finanzjarji li jinqalgħu mir-responsabbiltajiet professjonali tagħhom, dak l-Istat Membru għandu jaççetta ç-çertifikati maħruġa minn impriżi ta' assigurazzjoni ta' Stati Membri oħra bħala ekwivalenti għal daww maħruġa fit-territorju tiegħu. Çertifikati bħal dawn għandhom jiddikjaraw li min qed jaġhmel l-assigurazzjoni kien konformi mal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti fir-rigward tat-termini u l-estensjoni tal-garanzija. Dawn ma jistgħux jiġu ppreżentati aktar minn tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

▼B

L-Artikolu 7

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu d-dritt ta' ċittadini ta' Stati Membri li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-bidu u t-twettieq ta' professjoni regolata fit-territorju tagħhom li jużaw it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti li jikkorrispondu għal dik il-professjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ospitanti għandhom jirrikonoxxu d-dritt ta' ċittadini ta' Stati Membri li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-bidu u t-twettieq ta' professjoni regolata fit-territorju tagħhom li jużaw it-titolu akkademiku legali tagħhom u, meta appropjat, l-abbrevjazzjoni tiegħu li toħroġ mill-Istat Membru ta' l-oriġini tagħhom jew mill-Istat Membru minn fejn ikunu ġejjin, bilingwa ta' dak l-Istat. L-Istat Membru ospitanti jista' jitlob li dan it-titolu ikollu warajh l-isem u l-post ta' l-istabbiliment jew tal-bord ta' l-eżami li jkun tah.

3. Meta professjoni tkun regolata fi Stat Membru ospitanti minn assoċjazzjoni jew organizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(d), ċittadini ta' Stati Membri għandhom ikunu ntitolati biss għall-użu tat-titolu professjonali jew ta' ittri ta' deskrizzjoni mogħtija minn dik l-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mal-prova tas-sħubija.

Meta l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni jagħmlu s-sħubija soġġetta għal ċerti ħtiġiet ta' kwalifiki, dawn jistgħu jiġu applikati għal ċittadini ta' Stati Membri oħrajn li jkunu fil-pussess ta' diploma fis-sens ta' l-Artikolu 1(a) jew kwalifika formali fis-sens ta' l-Artikolu 3(b) biss skond din id-Direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 4.

L-Artikolu 8

1. L-Istat Membru ospitanti għandu jaċċetta bħala prova li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 issodisfaw iċ-ċertifikati u d-dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, li l-persuna kkonċernata għandha tissottometti bħala sostenn ta' l-applikazzjoni tagħha biex twettaq il-professjoni kkonċernata.

2. Il-proċedura għall-kontroll ta' applikazzjoni għat-twettieq ta' professjoni regolata għandha tiġi kompletata mill-aktar fis u r-riżultat jgħid kkomunikat f'deċiżjoni raġunata ta' l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-preżentazzjoni tad-dokumenti kollha li jirrelataw għall-persuna kkonċernata. Għandu jkun hemm rimedju disponibbli kontra din id-deċiżjoni, jew in-nuqqas tagħha, quddiem qorti jew tribunal skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali.

L-Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw, fil-perjodu previst fl-Artikolu 12, l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ingħataw is-setgħa li jirċievu l-applikazzjonijiet u li jieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija f'din id-Direttiva.

Huma għandhom jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina persuna responsabbli għall-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b' dan. Ir-rwol tiegħu għandu jkun li jippromwovi l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva għall-professjonijiet kollha kkonċernati. Grupp li jikkoordina għandu jitwaqqaf taħt il-protezzjoni tal-Kummissjoni, kompost mill-koordinaturi appuntati minn kull Stat Membru jew id-deputati tagħhom u pprevedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Ix-xogħol ta' dan il-grupp għandu jkun:

▼M1

— biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari bl-adozzjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-opinjoni jiet dwar il-kwistjonijiet riferuti lilha mill-Kummissjoni,

▼B

— li jiġbor l-informazzjoni utli kollha għall-applikazzjoni tagħha fl-Istati Membri.

Il-grupp jista' jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar kull bdil fis-sistema eżistenti li jista' jiġi kontemplat.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar ir-rikonossiment ta' diplomi fil-qafas ta' din id-Direttiva. Jistgħu jiġu assistiti f' dan ix-xogħol miċ-ċentru ta' informazzjoni dwar ir-rikonossiment akkademiku ta' diplomi u perjodi ta' studju stabbiliti mill-Istati Membri fil-qafas tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u l-Ministri ta' l-Edukazzjoni li ltaqgħu fil-Kunsill tad-9 ta' Frar 1976 ⁽¹⁾, u, meta approprijat, l-assoċjazzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet professjonali rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-inizjattivi neċessarji sabiex tiżgura l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni neċessarja.

L-Artikolu 10

1. Jekk, skond it-tielet sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4 (1)(b), Stat Membru jipproponi li ma jagħtix lill-applikanti d-dritt li jagħżlu bejn perjodu ta' addattament jew *aptitude test* fir-rigward ta' professjoni fis-sens ta' din id-Direttiva, dan għandu minnufih jikkomunika lill-Kummissjoni l-abbozz korrispondenti tad-dispożizzjoni. Għandu fl-istess ħin jinnotifika lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li jagħmlu l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni neċessarja.

Il-Kummissjoni għandha immedjatament tinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn b' kull abbozz li tkun irċeviet; hija tista' ukoll tikkonsulta l-grupp ta' koordinazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(2) ta' l-abbozz.

2. Mingħajr preġudizzju għall-possibiltà tal-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra li jgħaddu kummenti fuq l-abbozz, l-Istat Membru jista' jadotta id-dispożizzjoni biss jekk il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni għall-kuntrarju fi żmien tliet xhur.

3. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikawhom, mingħajr dewmien, it-test definittiv ta' disposizzjoni li toħroġ mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

L-Artikolu 11

Wara l-iskadenza tal-perjodu previst fl-Artikolu 12, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull sentejn, rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema introdotta.

Flimkien mar-rimarki ġenerali, dan ir-rapport għandu jkun fih sommarju statistiku tad-deċiżjonijiet meħuda u deskrizzjoni tal-problemi prinċipali li joħorġu mill-applikazzjoni tad-Direttiva.

L-Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn min-notifika tagħha ⁽²⁾. Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni bihom.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 13

Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data speċifikata fl-Artikolu 12, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-istat ta' l-applikazzjoni tas-sistema ġenerali għar-rikonossiment ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin.

⁽¹⁾ ĠU C 38, tad-19.2.1976, p. 1.

⁽²⁾ Din id-Direttiva ġiet notifikata lill-Istati Membri fl-4 ta' Jannar 1989.

▼B

Wara li tikkonduċi l-konsultazzjonijiet kollha neċċessarja, il-Kummissjoni għandha, f' din l-okkazzjoni, tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha fir-rigward ta' kull tibdil li għandu bżonn isir fis-sistema kif inhi. Fl-istess ħin il-Kummissjoni għandha, meta appropjat, tissottometti proposti għal titjib fis-sistema preżenti fl-interess ta' l-iffaċilitar ulterjuri tal-liberta ta' moviment, id-dritt ta' l-istabiliment u l-liberta li jiġu pprovduti servizzi tal-persuni koperti minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 14

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.



L-ANNESS

Lista ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1 (d)

L-IRLANDA ⁽¹⁾

1. The Institute of Chartered Accountants in Ireland ⁽²⁾
2. The Institute of Certified Public Accountants in Ireland ⁽²⁾
3. The Association of Certified Accountants ⁽²⁾
4. Institution of Engineers of Ireland
5. Irish Planning Institute

IR-RENJU UNIT

1. Institute of Chartered Accountants in England and Wales
2. Institute of Chartered Accountants of Scotland
3. Institute of Chartered Accountants in Ireland
4. Chartered Association of Certified Accountants
5. Chartered Institute of Loss Adjusters
6. Chartered Institute of Management Accountants
7. Institute of Chartered Secretaries and Administrators
8. Chartered Insurance Institute
9. Institute of Actuaries
10. Faculty of Actuaries
11. Chartered Institute of Bankers
12. Institute of Bankers in Scotland
13. Royal Institution of Chartered Surveyors
14. Royal Town Planning Institute
15. Chartered Society of Physiotherapy
16. Royal Society of Chemistry
17. British Psychological Society
18. Library Association
19. Institute of Chartered Foresters
20. Chartered Institute of Building
21. Engineering Council
22. Institute of Energy
23. Institution of Structural Engineers
24. Institution of Civil Engineers
25. Institution of Mining Engineers
26. Institution of Mining and Metallurgy
27. Institution of Electrical Engineers
28. Institution of Gas Engineers
29. Institution of Mechanical Engineers
30. Institution of Chemical Engineers
31. Institution of Production Engineers
32. Institution of Marine Engineers
33. Royal Institution of Naval Architects

⁽¹⁾ Ċittadini Irlandiżi huma ukoll membri tal-korpi elenkati tar-Renju Unit li ġejjin: Institute of Chartered Accountants in England and Wales
Institute of Chartered Accountants of Scotland
Institute of Actuaries
Faculty of Actuaries
The Chartered Institute of Management Accountants
Institute of Chartered Secretaries and Administrators
Royal Town Planning Institute
Royal Institution of Chartered Surveyors
Chartered Institute of Building.

⁽²⁾ Għall-għanijiet ta' l-attività tal-verifika biss.

▼ **B**

34. Royal Aeronautical Society
35. Institute of Metals
36. Chartered Institution of Building Services Engineers
37. Institute of Measurement and Control
38. British Computer Society